REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/416

tal-11 ta' Marzu 2022

li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għar-Renju Unit u għall-Istati Uniti fil-listi ta' pajjiżi terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' pollam, tal-prodotti ġerminali tal-pollam u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 230(1) u 232(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jirrikjedi li l-konsenji ta' annimali, ta' prodotti ġerminali u ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, sabiex jidħlu fl-Unjoni, iridu jkunu ġejjin minn pajjiż terz jew minn territorju, jew żona jew kompartiment tiegħu, elenkati f'konformità mal-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li trid tinżamm il-konformità magħhom għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali minn pajjiżi terzi jew territorji jew żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom, fil-każ tal-annimali tal-akkwakultura.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([3]) jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, jew territorji, jew żoni jew kompartimenti tagħhom, li minnhom hu permess id-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet u l-kategoriji ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

(4) B'mod aktar partikolari, l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxu l-listi ta' pajjiżi terzi, jew territorji, jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni, rispettivament, ta' konsenji tal-pollam, tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk mill-pollam u l-għasafar tal-kaċċa.

(5) Barra minn hekk, ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fil-pollam. It-tifqigħa tinsab qrib viċin Blaydon, Gateshead, Tyne and Wear, u ġiet ikkonfermata fit-23 ta' Frar 2022 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(6) Barra minn hekk, ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħa tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fil-pollam. It-tifqigħa tinsab viċin Ledbury, North Herefordshire, Herefordshire, l-Ingilterra u ġiet ikkonfermata fil-25 ta' Frar 2022 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

(7) Barra minn hekk, ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fil-pollam. It-tifqigħa tinsab qrib viċin Elmswell, Mid Suffolk, Suffolk, l-Ingilterra u ġiet ikkonfermata fis-26 ta' Frar 2022 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(8) Barra minn hekk, l-Istati Uniti nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fil-pollam. It-tifqigħa tinsab diġà fir-raba' stabbiliment fil-kontea ta' Dubois, l-istat ta' Indiana, l-Istati Uniti, li diġà ntlaqtet, u ġiet ikkonfermata fit-2 ta' Marzu 2022 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(9) Barra minn hekk, l-Istati Uniti nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fil-pollam. Dawk it-tifqigħat jinsabu qrib fil-kontea ta' Stoddard, l-istat ta' Missouri, u fil-Kontea ta' Cecil, l-istat ta' Maryland, l-Istati Uniti, u ġew ikkonfermati fl-4 ta' Marzu 2022 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(10) Barra minn hekk, l-Istati Uniti nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fil-pollam. It-tifqigħa tinsab fil-kontea ta' Charles Mix, l-istat ta' South Dakota, l-Istati Uniti, u ġiet ikkonfermata fil-5 ta' Marzu 2022 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(11) Barra minn hekk, l-Istati Uniti nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fil-pollam. It-tifqigħa tinsab qrib fil-kontea ta' Buena Vista, l-istat ta' Iowa, l-Istati Uniti, u ġiet ikkonfermata fis-6 ta' Marzu 2022 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(12) L-awtoritajiet veterinarji tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti stabbilixxew żona ta' kontroll ta' 10 km madwar l-istabbilimenti affettwati u implimentaw politika ta' qerda sabiex jikkontrollaw il-preżenza tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda.

(13) Ir-Renju Unit u l-Istati Uniti bagħtu informazzjoni lill-Kummissjoni dwar il-qagħda epidemjoloġika fit-territorju tagħhom u l-miżuri li ħadu biex jiġi evitat li l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja tkompli tinxtered. Dik l-informazzjoni ġiet evalwata mill-Kummissjoni. Abbażi ta' dik l-evalwazzjoni, u sabiex jiġi protett l-istatus tas-saħħa tal-annimali fl-Unjoni, id-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam, tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u ta' laħam frisk mill-pollam u għasafar tal-kaċċa miż-żoni taħt ir-restrizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet veterinarji tar-Renju Unit u l-Istati Uniti minħabba t-tifqigħat reċenti tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja, jenħtieġ li ma jibqax jiġi awtorizzat.

(14) Barra minn hekk, ir-Renju Unit ressaq informazzjoni aġġornata tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorju tiegħu rigward it-tifqigħat tal-HPAI kkonfermata fi stabbilimenti tal-pollam tad-19 ta' Novembru 2021 qrib Pokesdown, Bournemouth, l-Ingilterra u fit-22 ta' Novembru 2021 qrib Wells-next-the-sea, North Norfolk, Norfolk, l-Ingilterra u fis-26 ta' Novembru 2021, qrib Gaerwen, Isle of Anglesey, Wales. Ir-Renju Unit ressaq ukoll il-miżuri li ħa sabiex jiġi evitat tixrid ulterjuri ta' dik il-marda. B'mod partikolari, wara dawn it-tifqigħat tal-marda HPAI, ir-Renju Unit implimentat politika ta' qerda sabiex tikkontrolla u tillimita t-tixrid tal-marda. Barra minn hekk, ir-Renju Unit temm il-miżuri rikjesti ta' tindif u d-diżinfettar rikjest wara l-implimentazzjoni tal-politika ta' qerda fl-istabbilimenti ta' pollam infettat fit-territorju tiegħu.

(15) Il-Kummissjoni evalwat l-informazzjoni sottomessa mir-Renju Unit u kkonkludiet li t-tifqigħay tal-HPAI fi stabbilimenti tal-pollam qrib Pokesdown, Bournemouth, l-Ingilterra, qrib Wells-next-the-sea, North Norfolk, Norfolk, l-Ingilterra u qrib Gaerwen, Isle of Anglesey, Wales tneħħew u li ma għadx hemm riskju assoċjat mad-dħul fl-Unjoni tal-komoditajiet tal-pollam miż-żoni tar-Renju Unit minn fejn id-dħul fl-Unjoni tal-komoditajiet tal-pollam ġie sospiż minħabba dawk it-tifqigħat.

(16) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġu emendati skont dan.

(17) Filwaqt li titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fir-Renju Unit u tal-Istati Uniti b'rabta mal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja u r-riskju serju tal-introduzzjoni fl-Unjoni, l-emendi li għandhom isiru lir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 permezz ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jsiru effettivi b'urġenza.

(18) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Marzu 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Parti 1 hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.24 hija sostitwita b'li ġej:

"GB ir-Renju Unit	GB-2.24	Tjur tat-tnissil għajr ir-ratiti u tjur produttiv għajr ir-ratiti	BPP	N, P1		19.11.2021	24.2.2022
		Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi	BPR	N, P1		19.11.2021	24.2.2022
		Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti	SP	N, P1		19.11.2021	24.2.2022
		Ratiti maħsuba għall-iskarnar	SR	N, P1		19.11.2021	24.2.2022
		Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti	DOC	N, P1		19.11.2021	24.2.2022
		Flieles ta' ġurnata tar-ratiti	DOR	N, P1		19.11.2021	24.2.2022
		Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur għajr ir-ratiti	POU-LT20	N, P1		19.11.2021	24.2.2022
		Bajd għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HEP	N, P1		19.11.2021	24.2.2022
		Bajd għat-tifqis ta' ratiti	HER	N, P1		19.11.2021	24.2.2022
		Inqas minn 20 bajda għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HE-LT20	N, P1		19.11.2021	24.2.2022"

(ii) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.29 hija sostitwita b'li ġej:

"GB ir-Renju Unit	GB-2.29	Tjur tat-tnissil għajr ir-ratiti u tjur produttiv għajr ir-ratiti	BPP	N, P1		22.11.2021	2.3.2022
		Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi	BPR	N, P1		22.11.2021	2.3.2022
		Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti	SP	N, P1		22.11.2021	2.3.2022
		Ratiti maħsuba għall-iskarnar	SR	N, P1		22.11.2021	2.3.2022
		Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti	DOC	N, P1		22.11.2021	2.3.2022
		Flieles ta' ġurnata tar-ratiti	DOR	N, P1		22.11.2021	2.3.2022

		Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur għajr ir-ratiti	POU-LT20	N, P1		22.11.2021	2.3.2022
		Bajd għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HEP	N, P1		22.11.2021	2.3.2022
		Bajd għat-tifqis ta' ratiti	HER	N, P1		22.11.2021	2.3.2022
		Inqas minn 20 bajda għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HE-LT20	N, P1		22.11.2021	2.3.2022"

(iii) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.36 hija sostitwita b'li ġej:

"GB ir-Renju Unit	GB-2.36	Tjur tat-tnissil għajr ir-ratiti u tjur produttiv għajr ir-ratiti	BPP	N, P1		26.11.2021	28.2.2022
		Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi	BPR	N, P1		26.11.2021	28.2.2022
		Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti	SP	N, P1		26.11.2021	28.2.2022
		Ratiti maħsuba għall-iskarnar	SR	N, P1		26.11.2021	28.2.2022
		Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti	DOC	N, P1		26.11.2021	28.2.2022
		Flieles ta' ġurnata tar-ratiti	DOR	N, P1		26.11.2021	28.2.2022
		Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur għajr ir-ratiti	POU-LT20	N, P1		26.11.2021	28.2.2022
		Bajd għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HEP	N, P1		26.11.2021	28.2.2022
		Bajd għat-tifqis ta' ratiti	HER	N, P1		26.11.2021	28.2.2022
		Inqas minn 20 bajda għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HE-LT20	N, P1		26.11.2021	28.2.2022"

(iv) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni GB-2.101, GB-2.102 u GB-2.103 jiddaħħlu wara r-ringiela għaż-żona GB-2.100:

"GB ir-Renju Unit	GB-2.101	Tjur tat-tnissil għajr ir-ratiti u tjur produttiv għajr ir-ratiti	BPP	N, P1		23.2.2022	
		Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi	BPR	N, P1		23.2.2022	
		Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti	SP	N, P1		23.2.2022	

		Ratiti maħsuba għall-iskarnar	SR	N, P1		23.2.2022	
		Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti	DOC	N, P1		23.2.2022	
		Flieles ta' ġurnata tar-ratiti	DOR	N, P1		23.2.2022	
		Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur għajr ir-ratiti	POU-LT20	N, P1		23.2.2022	
		Bajd għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HEP	N, P1		23.2.2022	
		Bajd għat-tifqis ta' ratiti	HER	N, P1		23.2.2022	
		Inqas minn 20 bajda għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HE-LT20	N, P1		23.2.2022	
	GB-2.102	Tjur tat-tnissil għajr ir-ratiti u tjur produttiv għajr ir-ratiti	BPP	N, P1		25.2.2022	
		Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi	BPR	N, P1		25.2.2022	
		Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti	SP	N, P1		25.2.2022	
		Ratiti maħsuba għall-iskarnar	SR	N, P1		25.2.2022	
		Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti	DOC	N, P1		25.2.2022	
		Flieles ta' ġurnata tar-ratiti	DOR	N, P1		25.2.2022	
		Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur għajr ir-ratiti	POU-LT20	N, P1		25.2.2022	
		Bajd għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HEP	N, P1		25.2.2022	
		Bajd għat-tifqis ta' ratiti	HER	N, P1		25.2.2022	
		Inqas minn 20 bajda għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HE-LT20	N, P1		25.2.2022	
	GB-2.103	Tjur tat-tnissil għajr ir-ratiti u tjur produttiv għajr ir-ratiti	BPP	N, P1		26.2.2022	
		Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi	BPR	N, P1		26.2.2022	
		Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti	SP	N, P1		26.2.2022	
		Ratiti maħsuba għall-iskarnar	SR	N, P1		26.2.2022	
		Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti	DOC	N, P1		26.2.2022	

		Flieles ta' ġurnata tar-ratiti	DOR	N, P1		26.2.2022	
		Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur għajr ir-ratiti	POU-LT20	N, P1		26.2.2022	
		Bajd għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HEP	N, P1		26.2.2022	
		Bajd għat-tifqis ta' ratiti	HER	N, P1		26.2.2022	
		Inqas minn 20 bajda għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HE-LT20	N, P1"		26.2.2022"	

(v) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.12, sa US-2.16 jiddaħħlu wara r-ringiela għaż-żona US-2.11:

"US L-Istati Uniti	US.2.12	Tjur tat-tnissil għajr ir-ratiti u tjur produttiv għajr ir-ratiti	BPP	N, P1		2.3.2022	
		Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi	BPR	N, P1		2.3.2022	
		Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti	SP	N, P1		2.3.2022	
		Ratiti maħsuba għall-iskarnar	SR	N, P1		2.3.2022	
		Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti	DOC	N, P1		2.3.2022	
		Flieles ta' ġurnata tar-ratiti	DOR	N, P1		2.3.2022	
		Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur għajr ir-ratiti	POU-LT20	N, P1		2.3.2022	
		Bajd għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HEP	N, P1		2.3.2022	
		Bajd għat-tifqis ta' ratiti	HER	N, P1		2.3.2022	
		Inqas minn 20 bajda għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HE-LT20	N, P1		2.3.2022	
	US.2.13	Tjur tat-tnissil għajr ir-ratiti u tjur produttiv għajr ir-ratiti	BPP	N, P1		4.3.2022	
		Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi	BPR	N, P1		4.3.2022	
		Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti	SP	N, P1		4.3.2022	
		Ratiti maħsuba għall-iskarnar	SR	N, P1		4.3.2022	
		Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti	DOC	N, P1		4.3.2022	

		Flieles ta' ġurnata tar-ratiti	DOR	N, P1		4.3.2022	
		Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur għajr ir-ratiti	POU-LT20	N, P1		4.3.2022	
		Bajd għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HEP	N, P1		4.3.2022	
		Bajd għat-tifqis ta' ratiti	HER	N, P1		4.3.2022	
		Inqas minn 20 bajda għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HE-LT20	N, P1		4.3.2022	
	US.2.14	Tjur tat-tnissil għajr ir-ratiti u tjur produttiv għajr ir-ratiti	BPP	N, P1		4.3.2022	
		Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi	BPR	N, P1		4.3.2022	
		Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti	SP	N, P1		4.3.2022	
		Ratiti maħsuba għall-iskarnar	SR	N, P1		4.3.2022	
		Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti	DOC	N, P1		4.3.2022	
		Flieles ta' ġurnata tar-ratiti	DOR	N, P1		4.3.2022	
		Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur għajr ir-ratiti	POU-LT20	N, P1		4.3.2022	
		Bajd għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HEP	N, P1		4.3.2022	
		Bajd għat-tifqis ta' ratiti	HER	N, P1		4.3.2022	
		Inqas minn 20 bajda għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HE-LT20	N, P1		4.3.2022	
	US.2.15	Tjur tat-tnissil għajr ir-ratiti u tjur produttiv għajr ir-ratiti	BPP	N, P1		5.3.2022	
		Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi	BPR	N, P1		5.3.2022	
		Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti	SP	N, P1		5.3.2022	
		Ratiti maħsuba għall-iskarnar	SR	N, P1		5.3.2022	
		Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti	DOC	N, P1		5.3.2022	
		Flieles ta' ġurnata tar-ratiti	DOR	N, P1		5.3.2022	

		Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur għajr ir-ratiti	POU-LT20	N, P1		5.3.2022	
		Bajd għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HEP	N, P1		5.3.2022	
		Bajd għat-tifqis ta' ratiti	HER	N, P1		5.3.2022	
		Inqas minn 20 bajda għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HE-LT20	N, P1		5.3.2022	
	US.2.16	Tjur tat-tnissil għajr ir-ratiti u tjur produttiv għajr ir-ratiti	BPP	N, P1		6.3.2022	
		Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi	BPR	N, P1		6.3.2022	
		Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti	SP	N, P1		6.3.2022	
		Ratiti maħsuba għall-iskarnar	SR	N, P1		6.3.2022	
		Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti	DOC	N, P1		6.3.2022	
		Flieles ta' ġurnata tar-ratiti	DOR	N, P1		6.3.2022	
		Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur għajr ir-ratiti	POU-LT20	N, P1		6.3.2022	
		Bajd għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HEP	N, P1		6.3.2022	
		Bajd għat-tifqis ta' ratiti	HER	N, P1		6.3.2022	
		Inqas minn 20 bajda għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HE-LT20	N, P1		6.3.2022"	

(b) Il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għar-Renju Unit, id-deskrizzjonijiet li ġejjin għaż-żoni GB-2.101, GB-2.102 u GB-2.103 jiddaħħlu wara d-deskrizzjoni taż-żona GB-2.100:

"Ir-Renju Unit	GB-2.101	Qrib Blaydon, Gateshead, Tyne and Wear, l-Ingilterra: Iż-żona li tinsab fi ħdan ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84, N54.94 u W1.73.
	GB-2.102	Qrib Ledbury, North Herefordshire, Herefordshire, l-Ingilterra: Iż-żona li tinsab fi ħdan ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84, N52.03 u W2.38.
	GB-2.103	Qrib Elmswell, Mid Suffolk, Suffolk, l-Ingilterra: Iż-żona li tinsab fi ħdan ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84, N52.28 u E0.99."

(ii) fl-entrata għall-Istati Uniti, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni US-2.12 sa US-2.16 jiddaħħlu wara d-deskrizzjoni taż-żona US-2.11:

"L-Istati Uniti	US-2.12	l-Istat ta' Indiana: Dubois04 Il-Kontea Dubois: Iż-żona b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 86.8992573°W 38.3502323°N) u li testendi b'mod cirkulari favur l-arloġġ: (a) Tramuntana: 0.9 km fil-Punent Majjistru mill-intersezzjoni ta' S State Road 162 u E-230 S. (b) Grigal: 0.2 km fin-Nofsinhar mill-intersezzjoni ta' S Rolling Ridge Drive u S Santine Road. (c) Lvant: 0.7 km fix-Xlokk mill-intersezzjoni ta'E State Road 264 u E 850S. (d) Xlokk: 0.7 km fix-Xlokk mill-intersezzjoni ta' N Dilger Road u N County Road 1125 E. (e) Nofsinhar: 0.5km fi Grieg it-Tramuntana mill-intersezzjoni ta' E County Road 1930 N u N 700 E. (f) Lbiċ: 0.08 km fin-Nofsinhar mill-intersezzjoni ta' S 500W u W 1200S. (g) Punent: 1.0 km fil-Lvant mill-intersezzjoni ta' S State Road 161 u Old IN-64. (h) Majjistral: 2.0km fil-Majjistral tal-intersezzjoni ta' S Old Huntingburg Road u W Phoenix Drive.
	US-2.13	L-Istat ta' Missouri: Il-Kontea ta' Stoddard Il-Kontea ta' Stoddard: Iż-żona b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 90.1147867°W 36.9151576°N) u li testendi b'mod cirkulari favur l-arloġġ: (a) Tramuntana: 2.7 km fin-Nofsinhar ix-Xlokk mill-intersezzjoni ta' County Road 284 u County Road 283. (b) Grigal: 2.1 km fil-Grigal mill-intersezzjoni ta' County Road 420 u County Road 467. (c) Lvant: 0.4 km fil-Lbiċ mill-intersezzjoni ta' County Road 468 u County Road 437. (d) Xlokk: 0.5 km fil-Majjistral it-Tramuntana mill-intersezzjoni ta' State Highway ZZ u County Road 659. (e) Nofsinhar: 0.9 km fil-Punent mill-intersezzjoni ta' Pintail Path u County Road 679. (f) Lbiċ: 0.3 km fil-Lvant mill-intersezzjoni ta' Highway FF u County Road 635. (g) Punent: 1.3 km fil-Majjistral mill-intersezzjoni ta' Mo DD u County Road 580. (h) Majjistral: 1.3 km fix-Xlokk mill-intersezzjoni ta' County Road 408 u State Highway-J.
	US-2.14	L-Istat ta' Maryland: Il-Kontea ta' Cecil Il-Kontea ta' Cecil: Iż-żona b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 75.7749929°W 39.4859772°N) u li testendi b'mod cirkulari favur l-arloġġ: (a) Tramuntana: 0.6 km fil-Grieg it-Tramuntana mill-intersezzjoni ta' Old Telegraph Road u Bohemia Mill Road. (b) Grigal: 0.1km fil-Punent mill-intersezzjoni ta' Dickenson Blvd u W Shakespeare Dr. (c) Lvant: 0.5km fil-Grigal mill-intersezzjoni ta' Dexters Corner Rd u Ratledge Rd. (d) Xlokk: 0.83 km fix-Xlokk mill-intersezzjoni ta' Sawmill Rd u Airport Pl. (e) Nofsinhar: 0.1 km fil-Majjistral mill-intersezzjoni ta' Massey Rd u Galena-Massey Rd. (f) Lbiċ: 1.4km Grieg it-Tramuntana mill-intersezzjoni ta' Starkey Farm Ln u Augustine Herman Hwy. (g) Punent: 0.9km fil-Majjistral mill-intersezzjoni ta' Crystal Beach Rd u Frisbys Prime Choice Ln. (h) Majjistral: 0.7 km fil-Majjistral mill-intersezzjoni ta' Bohemia Manor Farm Ln u Augustine Herman Hwy.

	US-2.15	L-istat ta' South Dakota: Il-Kontea ta' Charles Mix Il-Kontea ta' Charles Mix: Iż-żona b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 98.4677219°W 43.3094107°N) u li testendi b'mod cirkulari favur l-arloġġ: (a) Tramuntana: 0.5km fil-Lbiċ mill-intersezzjoni ta' 386th Avenue u 281st Street (b) Grigal: 1.2 km fil-Lbiċ mill-intersezzjoni ta' 391st Avenue u 283rd Street. (c) Lvant: 0.8 km fix-Xlokk mill-intersezzjoni tal-US Highway 281 u 287th Street. (d) Xlokk: 0.7 km fil-Punent Majjistru mill-intersezzjoni ta' 391st Avenue u 292nd Street. (e) Nofsinhar: 0.7 km fil-Grigal mill-intersezzjoni ta' 386th Avenue u 294th Street. (f) Lbiċ: 0.2 km fil-Lbiċ mill-intersezzjoni ta' 382nd Avenue u SD Highway 50. (g) Punent: 0.3 km fil-Majjistral it-Tramuntana mill-intersezzjoni ta' 380th Avenue u 288th Street. (h) Majjistral: 0.8 km fix-Xlokk mill-intersezzjoni ta' 382nd Avenue u 283rd Street."
	US-2.16	L-Istat ta' Iowa: Il-Kontea Buena Vista Il-Kontea Buena Vista: Iż-żona b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 94.9627244°W 42.7378796°N) u li testendi b'mod cirkulari favur l-arloġġ: (a) Tramuntana: 1.6 km fin-Nofsinhar ix-Xlokk mill-intersezzjoni ta' 220th Avenue u 530th Street. (b) Grigal: 0.7 km fil-Majjistral it-Tramuntana mill-intersezzjoni ta' 120th Avenue u 540th Street. (c) Lvant: 1.4 km fil-Grigal mill-intersezzjoni ta' 130th Avenue u 585th Street. (d) Xlokk: 1.5 km fix-Xlokk mill-intersezzjoni ta' 110th Avenue u 620th Street. (e) Nofsinhar: 1.3 km fil-Grieg it-Tramuntana mill-intersezzjoni ta' Taylor Avenue u 170th Street. (f) Lbiċ: 0.9 km fil-Grieg it-Tramuntana mill-intersezzjoni ta' 180th Avenue u 650th Street. (g) Punent: 0.6 km fil-Lvant mill-intersezzjoni ta' 160th Avenue u 600th Street. (h) Majjistral: 0.8 km fil-Grieg it-Tramuntana mill-intersezzjoni ta' 180th Avenue u 560th Street."

(2) L-Anness XIV huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Parti 1 hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.24 hija sostitwita b'li ġej:

"GB ir-Renju Unit	GB-2.24	Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti	POU	N, P1		19.11.2021	24.2.2022
		Laħam frisk ta' ratiti	RAT	N, P1		19.11.2021	24.2.2022
		Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa	GBM	P1		19.11.2021	24.2.2022"

(ii) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.29 hija sostitwita b'li ġej:

"GB ir-Renju Unit	GB-2.29	Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti	POU	N, P1		22.11.2021	2.3.2022
		Laħam frisk ta' ratiti	RAT	N, P1		22.11.2021	2.3.2022
		Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa	GBM	P1		22.11.2021	2.3.2022"

iii) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.36 hija sostitwita b'li ġej:

"GB ir-Renju Unit	GB-2.36	Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti	POU	N, P1		26.11.2021	28.2.2022
		Laħam frisk ta' ratiti	RAT	N, P1		26.11.2021	28.2.2022
		Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa	GBM	P1		26.11.2021	28.2.2022"

(iv) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni GB-2.101, GB-2.102 u GB-2.103 jiddaħħlu wara r-ringiela għaż-żona GB-2.100:

"GB ir-Renju Unit	GB-2.101	Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti	POU	N, P1		23.2.2022	
		Laħam frisk ta' ratiti	RAT	N, P1		23.2.2022	
		Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa	GBM	P1		23.2.2022	
	GB-2.102	Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti	POU	N, P1		25.2.2022	
		Laħam frisk ta' ratiti	RAT	N, P1		25.2.2022	
		Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa	GBM	P1		25.2.2022	
	GB-2.103	Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti	POU	N, P1		26.2.2022	
		Laħam frisk ta' ratiti	RAT	N, P1		26.2.2022	
		Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa	GBM	P1		26.2.2022"	

(v) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.12, sa US-2.16 jiddaħħlu wara r-ringiela għaż-żona US-2.11:

"US L-Istati Uniti	US-2.12	Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti	POU	N, P1		2.3.2022	
		Laħam frisk ta' ratiti	RAT	N, P1		2.3.2022	
		Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa	GBM	P1		2.3.2022	
	US-2.13	Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti	POU	N, P1		4.3.2022	
		Laħam frisk ta' ratiti	RAT	N, P1		4.3.2022	
		Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa	GBM	P1		4.3.2022	
	US-2.14	Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti	POU	N, P1		4.3.2022	
		Laħam frisk ta' ratiti	RAT	N, P1		4.3.2022	
		Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa	GBM	P1		4.3.2022	

	US-2.15	Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti	POU	N, P1		5.3.2022	
		Laħam frisk ta' ratiti	RAT	N, P1		5.3.2022	
		Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa	GBM	P1		5.3.2022	
	US-2.16	Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti	POU	N, P1		6.3.2022	
		Laħam frisk ta' ratiti	RAT	N, P1		6.3.2022	
		Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa	GBM	P1		6.3.2022"	

(b) Fil-Parti 2, fl-entrata għall-Istati Uniti, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni US-2.12 sa US-2.16 jiżdiedu wara d-deskrizzjoni taż-żona US-2.11:

"L-Istati Uniti	US-2.12	l-Istat ta' Indiana: Dubois04 Il-Kontea Dubois: Iż-żona b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 86.8992573°W 38.3502323°N) u li testendi b'mod cirkulari favur l-arloġġ: (a) Tramuntana: 0.9 km fil-Punent Majjistru mill-intersezzjoni ta' S State Road 162 u E-230 S. (b) Grigal: 0.2 km fin-Nofsinhar mill-intersezzjoni ta' S Rolling Ridge Drive u S Santine Road. (c) Lvant: 0.7 km fix-Xlokk mill-intersezzjoni ta'E State Road 264 u E 850S. (d) Xlokk: 0.7 km fix-Xlokk mill-intersezzjoni ta' N Dilger Road u N County Road 1125 E. (e) Nofsinhar: 0.5km fi Grieg it-Tramuntana mill-intersezzjoni ta' E County Road 1930 N u N 700 E. (f) Lbiċ: 0.08 km fin-Nofsinhar mill-intersezzjoni ta' S 500W u W 1200S. (g) Punent: 1.0 km fil-Lvant mill-intersezzjoni ta' S State Road 161 u Old IN-64. (h) Majjistral: 2.0km fil-Majjistral tal-intersezzjoni ta' S Old Huntingburg Road u W Phoenix Drive.
	US-2.13	L-Istat ta' Missouri: Il-Kontea ta' Stoddard Il-Kontea ta' Stoddard: Iż-żona b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 90.1147867°W 36.9151576°N) u li testendi b'mod cirkulari favur l-arloġġ: (a) Tramuntana: 2.7 km fin-Nofsinhar ix-Xlokk mill-intersezzjoni ta' County Road 284 u County Road 283. (b) Grigal: 2.1 km fil-Grigal mill-intersezzjoni ta' County Road 420 u County Road 467. (c) Lvant: 0.4 km fil-Lbiċ mill-intersezzjoni ta' County Road 468 u County Road 437. (d) Xlokk: 0.5 km fil-Majjistral it-Tramuntana mill-intersezzjoni ta' State Highway ZZ u County Road 659. (e) Nofsinhar: 0.9 km fil-Punent mill-intersezzjoni ta' Pintail Path u County Road 679. (f) Lbiċ: 0.3 km fil-Lvant mill-intersezzjoni ta' Highway FF u County Road 635. (g) Punent: 1.3 km fil-Majjistral mill-intersezzjoni ta' Mo DD u County Road 580. (h) Majjistral: 1.3 km fix-Xlokk mill-intersezzjoni ta' County Road 408 u State Highway-J.

	US-2.14	L-Istat ta' Maryland: Il-Kontea ta' Cecil Il-Kontea ta' Cecil: Iż-żona b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 75.7749929°W 39.4859772° N) u li testendi b'mod cirkulari favur l-arloġġ: (a) Tramuntana: 0.6 km fil-Grieg it-Tramuntana mill-intersezzjoni ta' Old Telegraph Road u Bohemia Mill Road. (b) Grigal: 0.1km fil-Punent mill-intersezzjoni ta' Dickenson Blvd u W Shakespeare Dr. (c) Lvant: 0.5km fil-Grigal mill-intersezzjoni ta' Dexters Corner Rd u Ratledge Rd. (d) Xlokk: 0.83 km fix-Xlokk mill-intersezzjoni ta' Sawmill Rd u Airport Pl. (e) Nofsinhar: 0.1 km fil-Majjistral mill-intersezzjoni ta' Massey Rd u Galena-Massey Rd. (f) Lbiċ: 1.4km Grieg it-Tramuntana mill-intersezzjoni ta' Starkey Farm Ln u Augustine Herman Hwy. (g) Punent: 0.9km fil-Majjistral mill-intersezzjoni ta' Crystal Beach Rd u Frisbys Prime Choice Ln. (h) Majjistral: 0.7 km fil-Majjistral mill-intersezzjoni ta' Bohemia Manor Farm Ln u Augustine Herman Hwy.
	US-2.15	L-istat ta' South Dakota: Il-Kontea ta' Charles Mix Il-Kontea ta' Charles Mix: Iż-żona b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 98.4677219°W 43.3094107°N) u li testendi b'mod cirkulari favur l-arloġġ: (a) Tramuntana: 0.5km fil-Lbiċ mill-intersezzjoni ta' 386th Avenue u 281st Street (b) Grigal: 1.2 km fil-Lbiċ mill-intersezzjoni ta' 391st Avenue u 283rd Street. (c) Lvant: 0.8 km fix-Xlokk mill-intersezzjoni tal-US Highway 281 u 287th Street. (d) Xlokk: 0.7 km fil-Punent Majjistru mill-intersezzjoni ta' 391st Avenue u 292nd Street. (e) Nofsinhar: 0.7 km fil-Grigal mill-intersezzjoni ta' 386th Avenue u 294th Street. (f) Lbiċ: 0.2 km fil-Lbiċ mill-intersezzjoni ta' 382nd Avenue u SD Highway 50. (g) Punent: 0.3 km fil-Majjistral it-Tramuntana mill-intersezzjoni ta' 380th Avenue u 288th Street. (h) Majjistral: 0.8 km fix-Xlokk mill-intersezzjoni ta' 382nd Avenue u 283rd Street."
	US-2.16	L-Istat ta' Iowa: Il-Kontea Buena Vista Il-Kontea Buena Vista: Iż-żona b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 94.9627244°W 42.7378796°N) u li testendi b'mod cirkulari favur l-arloġġ: (a) Tramuntana: 1.6 km fin-Nofsinhar ix-Xlokk mill-intersezzjoni ta' 220th Avenue u 530th Street. (b) Grigal: 0.7 km fil-Majjistral it-Tramuntana mill-intersezzjoni ta' 120th Avenue u 540th Street. (c) Lvant: 1.4 km fil-Grigal mill-intersezzjoni ta' 130th Avenue u 585th Street. (d) Xlokk: 1.5 km fix-Xlokk mill-intersezzjoni ta' 110th Avenue u 620th Street. (e) Nofsinhar: 1.3 km fil-Grieg it-Tramuntana mill-intersezzjoni ta' Taylor Avenue u 170th Street. (f) Lbiċ: 0.9 km fil-Grieg it-Tramuntana mill-intersezzjoni ta' 180th Avenue u 650th Street. (g) Punent: 0.6 km fil-Lvant mill-intersezzjoni ta' 160th Avenue u 600th Street. (h) Majjistral: 0.8 km fil-Grieg it-Tramuntana mill-intersezzjoni ta' 180th Avenue u 560th Street."